MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 245/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**KONTRA**

**MARIO CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Cachia ta’ 39 sena, bin Philip u Philippa nee’ Tabone, mwieled Zebbug nhar is- 27 ta’ Lulju 1968, residenti fil- fond numru 56, Triq Lazzru Pisani, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 331468(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer nhar it- 12 ta’ Gunju 2006, gewwa l’ Armier, Mellieha, ghal habta tal- 16.00hrs;

1) volontarjament gharraq il- hwejjeg ta’ Raymond Vassallo, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin lira (Lm 50), izda anqas minn elf lira (Lm1000);

2) u atkar talli fl- istess post, data u hin kiser il- bon ordni u paci pubblika, b’ ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta incident li gara l-ghada tal-festa ta’ San Filep f’ Haz-Zebbug, meta tradizzjonalment issir ix-xalata mill-persuni akkaniti tal-festa. Gara li grupp imdaqqas ta’ nies marru l-Armier, u ordnaw diversi “rounds” ta’ xorb ghal xulxin. Meta gew rinfaccjati bil-kont fl-ahhar tax-xalata, l-imputat hass li l-kont kien wiehed eccessiv u rrabja ma’ Raymond Vassallo, sid l-istabbiliment “Ray’s Lido” fejn kienu qeghdin, u ghamel hsara fl-apparat tal-post. Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien unikament responsabbli ghal dan l-incident. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, veru kien hemm kont eccessiv ghax-xorb li inxtara, dan qatt ma jista’ jiggustifika l-eghmil tal-imputat, li qabad u ha l-ligi b’ idejh u beda jirrabja u jkisser il-proprjeta’ ta’ terzi. Kwantu ghall-hlas tad-danni sofferti minn sid l-istabbiliment, dan huwa ukoll mertu ta’ proceduri civili bejn il-partijiet, u ghalhekk il-Qorti m’hix sejra taghti ordni ta’ hlas ta’ Danni f’ dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------